DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għas-sena finanzjarja 2004

(2006/843/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 – C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 19 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0103/2006),

1. Jinnota ċ-ċifri li ġejjin fil-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għas-snin finanzjarji 2004 u 2003:

Kontijiet tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003

(f'EUR 1 000)

	2004	2003 ([1])
Dħul		
Sussidju tal-Komunità	12 800	2 630
Dħul ieħor	5	2
Dħul totali tal-baġit (a)	**12 805**	**2 632**

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 9.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 30.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 724/2004 (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).

(f'EUR 1 000)

	2004	2003 (1)
Infiq		
Persunal – Titolu I tal-baġit		
Ħlasijiet	3 594	647
Approprjazzjonijiet trasferiti	143	66
Amministrazzjoni – Titolu II tal-baġit		
Ħlasijiet	635	238
Approprjazzjonijiet trasferiti	684	315
Nefqa operattiva – Titolu III tal-baġit		
Ħlasijiet	437	13
Approprjazzjonijiet trasferiti	2 074	155
Nefqa totali tal-baġit (b)	**7 567**	**1 434**
Bilanċ (c = a - b)	**5 238**	**1 198**
Approprjazzjonijiet trasferiti u kkanċellati	251	—
Differenzi fir-rata tal-kambju	- 1	0
Bilanċ ta' l-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena finanzjarja (d)	**5 488**	**1 198**
Varjazzjoni fit-trasferimenti awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet u ta' fatturi li għad iridu jiġu rċevuti	2 089	399
Varjazzjoni fl-investimenti għas-sena finanzjarja	242	11
Varjazzjoni fid-djun (Kummissjoni)	- 5 489	- 1 198
Deprezzament għas-sena finanzjarja	- 43	- 3
Varjazzjoni fl-avvanzi għall-forniturі	56	—
Kwantità maħduma ta' l-aġġustamenti ekonomiċi għas-sena finanzjarja (e)	**2 343**	**407**

(1) L-informazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 ġiet mogħtija mill-ġdid sabiex tikkonforma mal-prinċipju ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti.NB: It-totali jista' jkun fihom differenzi minħabba l-effett ta' l-aġġustamenti sa l-eqreb numru shih.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima għas-sena finanzjarja 2004;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jippubblikaha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY